**MINUTI**

**Laqgha b'Urgenza tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 61**

**Data:** 13 ta' Marzu, 2017

**Hin:** 1.22pm

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici-Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

---

# AGENDA

1. Wied il-Mielah.

---

## 1.0 Wied il-Mielah

1.1 Is-Sindku spjega li din il-laqgha giet imsejjha b'urgenza minhabba s-sitwazzjoni ricenti gewwa Wied il-Mielah. Huwa spjega li Wied il-Mielah mhuwiex protett b'xi ligi u wara li issa waqghet it-Tieqa tad-Dwejra zdiedu

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

hafna n-nies gewwa Wied il-Mielah u ghaldaqstant il-Kunsill irid jara minhabba sigurta' f'dan il-post.

Sfortunatament il-maltemp li hakem il-gzejjer taghna ricentament kien wiehed kbir u holoq diversi hsarat fejn filfatt anke ir-*railing* ta' Wied il-Mielah garrab xi hsara u ghaldaqstant minhabba sigurta' twahhlet *gate* sabiex in-nies ma jghaddux f'din iz-zona.

Hija probabilita' li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tiskeda dan il-post pero' l-Kunsill ghandu jissalva gwardja l-passa tempi li huma prattikati fiz-zona. Sadanittant il-Kunsill kien diga avvicina l-perit sabiex jipprepara ittra b'dak li jista' jinghad anke minhabba li numru ta' nies qeghdin jikkuntatjaw lill-Kunsill sabiex jitwaqqafu kiosk etc.  Gew mehuda mizuri ukoll sabiex titranga l-kamera tas-sigurta' u battries ta' din iz-zona li kienu insterqu xi ftit xhur ilu.

Il-Kunsill iddiskuta anke il-fatt li ghandu jara kif ser tinzamm din iz-zona minghajr ma tigi zona ohra simili ghad-Dwejra mil-lat tal-kummerc.

Shirley-Anne Cecchini qalet li jkun difficli li buses jinzlu f'din iz-zona fejn gie spjegat li dawn ma jghaddux it-triq biex jaslu sa fejn it-tieqa.

Intqal li kiosks huma sewwa u hazin fl-istess waqt peress li dawn ihallu ukoll hmieg u ghalhekk jizdied il-hmieg fiz-zona. Is-Sindku zied jghid ukoll li tkun problema jekk taghti permess lil wiehed ghax tkun trid taghti lil kulhadd.

Anthony Camilleri qal li trid tehel ukoll mera fil-kantuniera int u niezel peress li hija ftit perikoluza.

Is-Sindku qal li l-bierah kien hemm nies fuq it-tieqa mhux biss bil-mixi imma bil-quad bikes ukoll. Emanuel Muscat staqsa jekk hux permess tmur b'vettura offroad fejn hemm it-tieqa.  Gie spjegat li din hija triq pubblika.

Anthony Camilleri qal li l-gebel li tpoggew bhala mejda u siggu f'din iz-zona iridu jitnehhew biex ikun hemm aktar spazju. Is-Sindku qal li dawn kienu parti mill-permess tal-Awotorita' ta' l-Ippjanar u ghalhekk x'aktarx ma jistghux jitnehhew minghajr permess.

Shirley-Anne Cecchini qalet li l-media qeghdin fuqna u ghalhekk iridu naraw sewwa kif ser nipproteguha.  Is-Sindku qal li huwa zgur li irridu nikkuntatjaw lill-Awtoritajiet.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku spjega li iktar kmieni dalghodu kienet waslet email minghand il-Malta Climbers Club fejn qalu li mhux ser jizdiedu aktar *hooks* mat-tieqa. Huwa zied jghid l-ERA kienu qalu li trid permess sabiex tkun tista' taghmel *climbing* peress li din hija propjeta' tal-Gvern.

Is-Sindku qal li huwa ta' l-opinjoni li l-aktar haga importanti huwa li tigi preservata t-tieqa peress li hija l-aktar haga importanti taz-zona. Min-naha tieghu l-Kunsill irid joqghod attenz li jzomm f'kundizzjoni ta' manutenzjoni tajba z-zona tal-madwar. Huwa qal li l-Ministeru kienu diga ikkuntatjaw lis-sezzjoni tal-Public Works biex jirrangaw ir-*railing*. Is-Sindku qal ukoll li l-problema qeghda ghal dawk li jitilghu fuq it-tieqa u qal li fil-kaz tad-Dwejra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma kienetx halliet li jsir xi tip ta' *fence*.

Inqrat ittra minghand is-Sur Joe Vella li kienet intbghatet b'idejat u suggerimenti dwar x'jista' jsir f'din iz-zona.

Is-Sindku qal li l-ewwel irid isir l-istudju fuq it-tieqa infisa u naraw x'interventi iridu jsiru. Huwa zied jghid li fl-opinjoni tieghu din ma ghandix issir zona simili ghad-Dwejra izda ghandha tibqa' zona unika u imficca ghall-ambjent li thaddan. Emanuel Muscat qabel li dan mhux post bhad-Dwejra peress li mhemx affarijiet bhad-Dwejra. Matul dawn il-jiem kienu saru diversi suggerimenti u kulhadd ghandu dritt ghall-opinjoni tieghu. Kienet diskussa ukoll il-possibilita li jitwaqqaf kumitat fejn il-kunsill qabel li wiehed ghandu jistenna qabel jipprocedi.

Inqrat ittra ohra minghand il-President tal-Malta Climbers Association u inqrat ukoll ittra li kienet giet imhejjija mill-Perit aktar kmieni.

Is-Sindku issugerixxa ukoll li jehlu tabelli fil-post. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment. Saru ukoll divesi suggerimenti ghal tabelli li jistghu jsiru fiz-zona u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu ssir *traffic management* taz-zona. Apparti minnhekk is-Sindku ssugerixxa li ghandha issir talba lil Ministeru ghal Ghawdex sabiex jehlu iktar *crash barriers* matul it-triq fejn hemm il-periklu. Il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti dawn it-talbiet lil Ministeru ghal Ghawdex.

Sar ukoll suggeriment mis-Sindku sabiex il-pulizija jigu infurmati bit-traffiku li jun hemm fiz-zona u possibilment jsiru spezzjonijiet regolari.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-ittra li giet imhejjija mill-Perit tintbghat lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, lill-ERA u lill-Ministru Herrera fost ohra u jekk ikun hemm il-bzonn issir laqgha maghhom.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Shirley-Anne Cecchini ssugeriet sabiex isir visitors centre fiz-zona sabiex jigi ikkontrollat bejgh ta' xi souvenirs, kiosks u ohrajn simili.

Gew diskussi li l-aktar li ser jizdiedu fil-post huma t-taxis kif ukoll is-*self drive,* jeeps u quad bikes.

Is-Sindku qal li huwa kien tkellem ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex tigi installata *gate* fejn hemm il-*picnic area* pero' ghal din irid jintalab permess u jkun difficli peress li jigi approvat peress li tostakola l-vedura.

L-iktar nies li ser jiziedu huma bughaddasa u malti li jigu jzuru z-zona peress li t-tieqa hija simili ghal dik tad-Dwejra.

Emanuel Muscat qal li l-iktar haga importanti hija l-istudju u l-immanigjar tat-traffiku f'din iz-zona. Is-Sindku ssugerixxa ukoll tabelli ghall-attenzjoni jitwahhlu fiz-zona.

Il-Kunsill qabel ukoll li jistghu jsiru laqghat mat-Transport Malta u l-awtorita' tat-Turizmu u tista' ssir laqgha ukoll mas-sid tal-barriera li hemm f'Wied il-Mielah.
Is-Sindku qal li wiehed irid jara ukoll minhabba l-permessi ta' attivita' li jinhargu ghall-ikliet f'din iz-zona.

Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill dwar artiklu li deher fuq it-Times of Malta dwar il-fabbriki tan-nar.

1.2 Il-laqgha spiccat fit-2.40pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv